IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.1.2020
COM(2020) 22 final

ANNEXES 1 to 3

ANNESSI

tal-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

ANNESS I

METODU TA' ALLOKAZZJONI GĦAR-RIŻORSI TAL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA

Għal kull Stat Membru, il-pakkett finanzjarju jiġi ddeteminat b'konformità mal-passi li ġejjin:

(a) Il-kwota ta' kull Stat Membru tiġi kkalkulata bħala s-somma ponderata tal-kwoti ddeterminati abbażi tal-kriterji li ġejjin, ponderati kif indikat:

(i) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn impjanti industrijali fir-reġjuni ta' livell NUTS 2 fejn l-intensità tal-karbonju, definita bħala l-proporzjon bejn l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn impjanti industrijali rrappurtati mill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] u l-valur miżjud gross tal-industrija, tkun aktar mid-doppju tal-medja tal-UE-27. Jekk f'xi Stat Membru, dan il-livell ma jinqabeż f'ebda reġjun ta' livell NUTS 2, jitqiesu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-impjanti industrijali fir-reġjuni ta' livell NUTS 2 bl-ogħla intensità ta' karbonju (ponderazzjoni ta' 49 %),

(ii) l-okkupazzjoni fis-setturi tal-estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite (ponderazzjoni ta' 25 %),

(iii) l-okkupazzjoni fl-industrija fir-reġjuni ta' livell NUTS 2 ikkunsidrati għall-finijiet tal-punt (i) (ponderazzjoni ta' 25 %),

(iv) il-produzzjoni tal-pit (ponderazzjoni ta' 0,95 %),

(v) il-produzzjoni tax-shale bituminuż (ponderazzjoni ta' 0,05 %),

(b) l-allokazzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt (a) huma aġġustati biex jiġi żgurat li ebda Stat Membru ma jirċievi ammont li jaqbeż iż-EUR 2 biljuni. L-ammonti ta' kull Stat Membru li jeċċedu ż-EUR 2 biljuni jerġgħu jitqassmu proporzjonalment lill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha. Il-kwoti tal-Istati Membri huma għaldaqstant ikkalkulati mill-ġdid;

(c) Il-kwoti tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt (b) huma aġġustati negattivament jew pożittivament b'koeffiċjent ta' darba u nofs (1,5) tad-differenza li biha l-ING *per capita* ta' dak l-Istat Membru (imkejjel f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist) għall-perjodu 2015-2017 jaqbeż jew jaqa' taħt il-medja tal-ING *per capita* tal-Istati Membri tal-UE-27 (medja espressa bħala 100%);

Dan l-aġġustament ma japplikax għall-Istati Membri li għalihom l-allokazzjoni tkun ġiet limitata b'konformità mal-punt (b).

(d) l-allokazzjonijiet li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-punt (c) huma aġġustati biex jiżguraw li l-allokazzjoni aħħarija mill-JTF tirriżulta f'intensità ta' għajnuna *per capita* (imkejla abbażi tal-popolazzjoni kollha tal-Istat Membru) ta' mill-inqas EUR 6 fuq il-perjodu kollu.

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

L-ammonti biex jiġi żgurat il-minimu tal-intensità tal-għajnuna jitnaqqsu proporzjonalment mill-allokazzjonijiet tal-Istati Membri l-oħra kollha, ħlief għal dawk li għalihom l-allokazzjoni tkun ġiet limitata b'konformità mal-punt (b).

L-allokazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta hija addizzjonali għall-allokazzjoni li tirriżulta mill-paragrafi minn 1 sa 16 tal-Anness XXII tal-[proposta dwar RDK ġdid] u mhijiex inkluża fil-bażi tal-allokazzjoni li għaliha jiġu applikati l-punti minn 10 sa 15 tal-Anness XXII tal-[proposta dwar RDK ġdid].

ANNESS II

MUDELL GĦALL-PJANIJIET TERRITORJALI TA' TRANŻIZZJONI ĠUSTA

1. Ħarsa ġenerali lejn il-proċess ta' tranżizzjoni u l-identifikazzjoni tal-aktar territorji milquta b'mod negattiv fl-Istat Membru

Il-kaxxa tat-test [12000]

Referenza: Artikolu 7(2)(a)

1.1. Deskrizzjoni tal-proċess ta' tranżizzjoni mistenni lejn ekonomija newtrali għall-klima, f'konformità mal-objettivi tal-Pjanijiet Nazzjonali dwar l-Enerġija u l-Klima u pjanijiet oħra ta' tranżizzjoni eżistenti bi skeda ta' żmien għall-waqfien jew it-tnaqqis tal-attivitajiet bħall-estrazzjoni tal-faħam u tal-linjite jew il-produzzjoni tal-elettriku bil-faħam

Referenza: Artikolu 7(2)(b)

1.2. L-identifikazzjoni tat-territorji li mistennija jkunu l-aktar milquta b'mod negattiv u ġustifikazzjoni ta' din l-għażla bl-istima korrispondenti tal-impatti ekonomiċi u fuq l-impjiegi abbażi fuq id-deskrizzjoni tat-Taqsima 1.1

2. Valutazzjoni tal-isfidi ta' tranżizzjoni, għal kull territorju identifikat:

2.1. Valutazzjoni tal-impatt ekonomiku, soċjali u territorjali tat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima

Referenza: Artikolu 7(2)(c)

Il-kaxxa tat-test [12000]

L-identifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi u s-setturi industrijali milquta, li tiddistingwi:
- setturi li sejrin lura, li huma mistennija jieqfu jew inaqqsu b'mod sinifikanti l-attivitajiet tagħhom relatati mat-tranżizzjoni, inkluża skeda ta' żmien korrispondenti;
- it-trasformazzjoni tas-setturi, li mistennija jgħaddu minn trasformazzjoni tal-attivitajiet, il-proċessi u l-outputs tagħhom.
Għal kull wieħed miż-żewġ setturi:
- it-telf mistenni ta' impjiegi u l-ħtiġijiet ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid, filwaqt li jitqiesu l-previżjonijiet tal-ħiliet;

- il-potenzjal ta' diversifikazzjoni ekonomika u l-opportunitajiet ta' żvilupp;

2.2. Il-ħtiġijiet u l-objettivi tal-iżvilupp sal-2030 bil-ħsieb li tinkiseb in-newtralità klimatika

Referenza: Artikolu 7(2)(d)

Il-kaxxa tat-test [6000]

- Il-ħtiġijiet tal-iżvilupp li jindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni;
- L-objettivi u r-riżultati mistennija permezz tal-implimentazzjoni tal-prijorità tal-JTF.

2.3. Il-konsistenza ma' strateġiji u pjanijiet nazzjonali, reġjonali jew territorjali oħra

Referenza: Artikolu 7(2)(e)

Il-kaxxa tat-test [6000]

- Strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti;
- Strateġiji territorjali msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament UE [RDK ġdid];
- Pjanijiet ta' żvilupp reġjonali jew nazzjonali oħra.

2.4. Tipi ta' operazzjonijiet previsti

Il-kaxxa tat-test [12000]

Referenza: Artikolu 7(2)(g)

- tipi ta' operazzjonijiet previsti u l-kontribut mistenni tagħhom biex jittaffa l-impatt tat-tranżizzjoni klimatika;

Referenza: Artikolu 7(2)(h)

Għandha timtela biss jekk jingħata sostenn lil investimenti produttivi minbarra l-SMEs:

- lista eżawrjenti ta' dawn l-operazzjonijiet u intrapriżi u għal kull waħda minnhom ġustifikazzjoni tan-neċessità ta' tali sostenn permezz ta' analiżi tal-lakuni li turi li t-telf mistenni ta' impjiegi jaqbeż l-għadd mistenni ta' impjiegi maħluqa fin-nuqqas tal-investiment

Referenza: Artikolu 7(2)(i);

Għandha timtela biss jekk jingħata sostenn lil investimenti biex jinkiseb it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE: *- lista eżawrjenti ta' operazzjonijiet li għandhom jirċievu sostenn u ġustifikazzjoni li dawn jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima u jwasslu għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra li jaslu sa taħt il-parametri referenzjarji rilevanti użati għall-allokazzjoni bla ħlas skont id-Direttiva 2003/87/KE u sakemm ikunu meħtieġa għall-protezzjoni ta' għadd sinifikanti ta' impjiegi*

Referenza: Artikolu 7(2)(j)

- is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet tal-operazzjonijiet previsti ma' programmi oħra taħt mira Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi (sostenn għall-proċess ta' tranżizzjoni), strumenti oħra ta' finanzjament (il-Fond ta' Modernizzazzjoni għan-Negozjar tal-Emissjonijiet) u l-pilastri l-oħra tal-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta (skema dedikata taħt InvestEU u il-faċilità ta' self tas-settur pubbliku mal-Bank Ewropew tal-Investiment) biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' investiment identifikati

2.5. Indikaturi ta' output jew riżultati speċifiċi għal programm

Referenza: Artikolu 8(1)

Għandha timtela biss jekk ikunu previsti indikaturi speċifiċi għal programm: *- ġustifikazzjoni għall-ħtieġa ta' indikaturi speċifiċi għal programm ta' output jew riżultati bbażati fuq it-tipi ta' operazzjonijiet previsti*

Tabella 1. Indikaturi tal-output					
Objettiv speċifiku	**ID [5]**	**Indikatur [255]**	**Unità tal-kejl**	**Stadju importanti (2024)**	**Mira (2029)**

Tabella 2. Indikaturi tar-riżultati								
Objettiv speċifiku	**ID [5]**	**Indikatur [255]**	**Unità tal-kejl**	**Xenarju bażi jew valur referenzjarju**	**Sena ta' referenza**	**Mira (2029)**	**Sors tad-*data* [200]**	**Kummenti (200)**

3. Mekkaniżmi ta’ governanza

Referenza: Artikolu 7(2)(f)

Il-kaxxa tat-test [5000]

3.1. Sħubija

- Arranġamenti għall-involviment ta’ sħab fit-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-pjan territorjali ta’ tranżizzjoni ġusta; *- L-eżitu tal-konsultazzjoni pubblika.*

3.2. Monitoraġġ u evalwazzjoni

- Miżuri ta’ monitoraġġ u evalwazzjoni ppjanati, inklużi indikaturi li jkejlu l-kapaċità tal-pjan li jilħaq l-objettivi tiegħu

3.3. Korp/korpi ta’ koordinazzjoni u ta’ monitoraġġ

Korp jew korpi responsabbli għall-koordinazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan u r-rwol tagħhom

ANNESS III

INDIKATURI KOMUNI TAL-OUTPUT TAL-POLITIKA REĠJONALI ("RCO") U L-INDIKATURI KOMUNI TAR-RIŻULTAT TAL-POLITIKA REĠJONALI ("RCR") GĦALL-FOND GĦAL TRANŻIZZJONI ĠUSTA[2]

Outputs	Riżultati
RCO01 - Impriżi appoġġati (li minnhom mikro, żgħar, medji, kbar) RCO 02 - Impriżi li jirċievu għotjiet RCO 03 - Impriżi appoġġati minn strumenti finanzjarji RCO 04 - Impriżi b'appoġġ mhux finanzjarju RCO 05 - Negozji ġodda appoġġati RCO 10 - Impriżi li jikkooperaw ma' istituzzjonijiet ta' riċerka RCO 120 – L-impriżi b'appoġġ biex jiksbu t-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE	RCR01 - Impjiegi maħluqa f'entitajiet appoġġati RCR 02 - Investimenti privati li jissupplimentaw l-ammont ta' sostenn pubbliku (li minnhom: għotjiet, strumenti finanzjarji) RCR 03 – SMEs li jintroduċu innovazzjoni ta' prodotti jew proċessi RCR 04 - SMEs li jintroduċu innovazzjoni fil-kummerċjalizzazzjoni jew fil-metodi ta' organizzazzjoni RCR 05 - SMEs li jagħmlu innovazzjoni interna RCR 06 - Applikazzjonijiet għal privattivi ppreżentati lill-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi RCR 29 – Stima tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE f'impriżi appoġġati
RCO 13 - Servizzi u prodotti diġitali żviluppati għall-impriżi	RCR 11 - Utenti ta' servizzi u applikazzjonijiet diġitali pubbliċi ġodda RCR 12 - Utenti ta' prodotti, servizzi u applikazzjonijiet diġitali ġodda żviluppati minn impriżi
RCO 15 - Kapaċità tal-inkubazzjoni maħluqa	RCR 17 - Impriżi li jibqgħu jeżistu fis-suq wara tliet (3) snin

[2] Għal raġunijiet ta' preżentazzjoni, l-indikaturi huma raġġruppati għall-faċilità tat-tqabbil mal-indikaturi inklużi fir-regolamenti l-oħra spċifiċi għall-fond tal-politika ta' koeżjoni.

	RCR 18 - SMEs li jkunu qed jużaw servizzi ta’ inkubatur sena wara l-ħolqien tal-inkubatur
RCO 101 – SMEs li jinvestu fl-iżvilupp tal-ħiliet	RCR 97 – Apprendistati appoġġati fl-SMEs RCR 98 - Persunal tal-SMEs li jikkompletaw Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali Kontinwat (CVET) (skont it-tip ta’ ħila: teknika, ġestjoni, imprenditorija, ekoloġika, oħrajn)
RCO 22 - Kapaċità tal-produzzjoni addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali)	RCR 31 - Produzzjoni totali tal-enerġija rinnovabbli (li minnha: elettrika, termali) RCR 32 – Enerġija rinnovabbli: Il-kapaċità konnessa mal-grilja (operazzjonali)
RCO 34 - Kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-iskart	RCR 46 - Għadd ta’ nies servuti minn faċilitajiet ta’ riċiklaġġ tal-iskart kif ukoll sistemi żgħar ta’ mmaniġġar tal-iskart RCR 47 - Skart riċiklat RCR 48 - Skart riċiklat użat bħala materja prima RCR 49 - Skart irkuprat
RCO 38 - Daqs taż-żona ta’ art riabilitata appoġġata RCO 39 - Sistemi installati għall-monitoraġġ tat-tniġġis fl-arja	RCR 50 - Għadd totali ta’ persuni li jibbenefikaw minn miżuri għall-kwalità tal-arja RCR 52 - Art riabilitata użata għal żoni ekoloġiċi, akkomodazzjoni soċjali, attivitajiet ekonomiċi jew tal-komunità

għall-parteċipanti[3,4]: RCO 200 - persuni qiegħda, inkluż dawk qiegħda fit-tul, RCO 201 - persuni qiegħda fit-tul, RCO 202 - persuni inattivi, RCO 203 - persuni impjegati, inkluż dawk li jaħdmu għal rashom, RCO 204 - persuni iżgħar minn 30 sena, RCO 205 - persuni akbar minn 54 sena, RCO 206 - persuni b'edukazzjoni sekondarja baxxa jew inqas (ISCED 0-2), RCO 207 - persuni b'edukazzjoni sekondarja għolja (ISCED 3) jew edukazzjoni postsekondarja (ISCED 4), RCO 208 - persuni b'edukazzjoni terzjarja (ISCED minn 5 sa 8), RCO 209 - numru totali ta' parteċipanti[5]	għall-parteċipanti[6]: RCR 200 - parteċipanti li qed ifittxu xogħol fi tmiem l-impjieg, RCR 201 - parteċipanti li qed jirċievu edukazzjoni jew taħriġ fi tmiem l-impjieg, RCR 202 - parteċipanti li kisbu kwalifika fi tmiem l-impjieg, RCR 203 - parteċipanti li sabu xogħol, inkluż xogħol għal rashom, fi tmiem l-impjieg.

[3] L-indikaturi kollha tal-output u tar-riżultati relatati mal-parteċipanti għandhom jiġu rrapportati.

[4] Id-*data* personali kollha għandha titqassam skont is-sess (maskil/femminil – mhux binarja). Meta ċerti riżultati ma jkunux possibbli, ma jkunx meħtieġ li d-*data* tingħabar u tiġi rrappurtata għal dawk l-indikaturi tar-riżultati. Meta d-*data* tingħabar mir-reġistri, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mad-definizzjonijiet maqbula b'mod komuni u jistgħu jużaw definizzjonijiet nazzjonali.

[5] Li jrid jiġi kkalkulat awtomatikament abbażi tal-indikaturi komuni tal-outputs relatati mal-istatus tal-impjieg.

[6] Id-*data* kollha għandha titqassam skont is-sess. Meta ċerti riżultati ma jkunux possibbli, ma jkunx meħtieġ li d-*data* tingħabar u tiġi rrappurtata għal dawk l-indikaturi tar-riżultati. Meta d-*data* tingħabar mir-reġistri, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jikkonformaw mad-definizzjonijiet maqbula b'mod komuni u jistgħu jużaw definizzjonijiet nazzjonali.